## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2019**

**Talba Nru: 547/2018PM1**

**Saint James (Capua) Hospital Ltd (C14713)**

**Vs**

**Lynda Barker (Passaport tar-Renju Unit numru 465103433)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Novembru, 2018 permezz ta' liema is-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' erbat elef, hames mija u hamsa u disghin euro u tmienja u hamsin centezmu (€4595.58) rapprezentanti prezz ta' servizzi medici u servizzi ohra konnessi u ancillari moghtija lill-konvenuta, liema somma hija dovuta minnha skont *invoice* datata 24 ta' Novembru, 2017; bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-risposta datata 11 ta' Frar, 2019 permezz ta' liema l-konvenuta wiegbet:

1. Illi l-Qrati jew tribunali Maltin, inkluz dan it-tribunal m'ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi l-materja odjerna ;
2. Illi minghajr pregudizzu ghall-eccezzjoni precedenti l-kunsens tal-intimata kien vizzjat bi frodi ;
3. Illi l-intimata ma gietx mgharrfa li l-Isptar St James huwa wiehed privat u li l-assigurazzjoni tal-intimata ma kenitx tkopri tali servizzi minkejja li dan kien maghruf lis-socjeta` rikorrenti fil-mument meta l-konvenuta giet ammessa bhala pazjenta;
4. Illi minhabba l-agir frawdolenti tas-socjeta` rikorrenti l-intimata ma inghatatx ghazla tmur sptar pubbliku kopert mill-assigurazzjoni taghha;
5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-hlas pretiz mis-socjeta` rikorrenti huwa abbuziv u altament esagerat u jinkludi wkoll servizzi mhux provduti.
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-rikors tas-socjeta` attrici b'talba ghall-isfilz tar-risposta tal-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta ghall-istess talba.

Ra d-digriet datat 8 t'April, 2019 li permezz tieghu gew michuda t-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti permezz tar-rikors surreferit.

Ra n-nota tal-konvenuta u d-dokumenti annessi mal-istess datata 30 ta' Mejju, 2019 u wkoll in-nota tal-konvenuta u d-dokumenti annessi mal-istess datata 14 ta' Gunju, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Maria Bugeja u ta' Albert Micallef waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru, 2019 u ra d-dokumenti ezebiti waqt l-istess seduta.

Ha konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz.

Sema' t-trattazzjoni relattiva ghall-ewwel eccezzjoni preliminari koncernanti n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha il-konvenuta tikkontendi li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddetermina l-azzjoni odjerna. It-Tribunal jinnota li l-azzjoni tikkoncerna talba ghall-hlas ghal servizzi medici rezi mis-socjeta` attrici lill-istess konvenuta meta din kienet tinsab Malta fuq btala, liema servizzi gew rezi lilha wara li din issottoskriviet ghall-*consent form* relattiva ezebita a fol. 63 tal-process.

Illi fir-rigward tal-materja legali koncernanti il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, jinsab deciz is-segwenti :

> "*Issa, bhala fatti, jirrizulta illi l-konvenut huwa cittadin Franciz, gie Malta bhala turista ghal tlett ijiem biss fl-2003, u kwindi lanqas ma jista' jitqies bhala domiciljat Malta. (...) Il-kuntratt, allura, sar Malta u l-flus waslu ghand il-konvenut minn Malta. Is-socjeta` attrici hija s-socjeta` inkorporata u registrata taht il-ligi ta' Malta. Il-konvenut intrabat li jrodd lura l-flus lilu mislufa, pero`, ma giex specifikat fejn ghandu jsir il-hlas. Fid-dawl tal-premess, jista' jinghad fic-cert li l-qrati Maltin ma ghandhomx gurisdizzjoni ordinarja fil-konfront tal-konvenut li la hu cittadin u lanqas domiciljat hawn Malta. Is-socjeta` attrici tghid li, ai termini ta' Sezzjoni II tarRegolament, il-qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni specjali u jistghu jisimghu l-kaz. Skont ir-regolament relattiv, persuna domiciljat f'pajjiz iehor, jista' jigi mharrek f'pajjiz membru iehor tal-Unjoni Ewropea "in matters relating to a contract, in the courts for the place of performance of the obligation in question". (...) (S)kont l-Artikolu 1159(3) u (4) tal-Kodici Civili taghna, meta l-kreditur u d-debitur ma joqghodux fl-istess gzira, u "f'kull kaz iehor, il-hlas ghandu jsir fejn ikun joqghod bid-dar id-debitur". Il-konvenut/debitur ma joqghodx f'Malta u kwindi l-obbligazzjoni li assuma m'ghandhiex issehh f'Malta. Issegwi, li l-*

*qrati Maltin m'ghandhomx gurisdizzjoni specjali jittrattaw dan il-kaz, ghax il-"place of performance" mhux Malta.* (**Maltrad (Holdings) Limited [C-28800] v. Norbert Coll** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2015).

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li, ghalkemm is-surreferit gie deciz fil-kuntest ta' self, ir-ragunament surreferit huwa applikabbli wkoll *mutatis mutandis* ghall-kaz in ezami. Fil-kaz odjern ukoll is-socjeta` attrici hija socjeta` regolarment registrata u kwindi domiciljata Malta a tenur tal-Artikolu 63 tar-Regolamenti 1215/2012. Da parti taghha l-konvenuta, kif jinsab pruvat mill-passaport taghha li kopja taghha giet ezebita f'dawn l-atti (fol. 50 ta-process) hija cittadina Ingliza u domiciljata l-Ingilterra skont id-dokument ezebit mill-Managing Director tal-istess socjeta` attrici fejn fil-fatt giet notifikata bl-atti ta' din il-kawza. Huwa car ghat-Tribunal li l-konvenuta tinsab domiciljata barra minn Malta fir-Renju Unit u fil-fatt jidher li tali aspett lanqas ma jinsabx kontraddett tant illi hija stess giet notifikata bl-atti odjerni barra minn Malta fl-indirizz tad-domicilji taghha. Skont ir-Regolamenti 1215/2012 il-principju regulatur huwa dak li "*persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jitressqu quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru*" (Art. 4). Huwa minnu li dan huwa suggett ghal ghadd ta' eccezzjonijiet (Taqsimiet 2 sa 7 tal-Kapitlu II) li jipprevalu fuq din il-regola principali, fost liema eccezzjonijiet hemm dawk intizi sabiex, fi kliem l-istess Regolamenti,"*b'relazzjoni mal-kuntratti ta' assigurazzjoni, tal-konsumatur u ta' impjieg, il-parti l-anqas b'saħħitha għandha tiġi mħarsa b'regoli ta' ġurisdizzjoni aktar favorevoli għall-interessi tagħha milli r-regoli ġenerali.*" (preliminari (18)). Madanakollu s-socjeta` attrici ma rreferiet ghal ebda regolament partikulari li, fil-fehma taghha, kellu jipprevali fuq il-principju regulatur surreferit sabiex jaghti lil dan it-Tribunal il-gurisdizzjoni mehtiega sabiex jisma' u jiddeciedi dan il-kaz minkejja li l-konvenuta hija domiciljata fi Stat Membru iehor. Ir-referenza ghat-Taqsima 4 tar-Regolament maghmulha miz-zewg partijiet lanqas ma tista' tigi ritenuta applikabbli ghall-kaz in ezami u dana ghaliex, fi kwalunkwe kaz, fil-kaz in ezami, hija s-socjeta` attrici li qed

tfittex lill-konvenuta u mhux vici versa u wkoll l-art. 18(2) jerga` jtenni l-istess principju generali surreferit.

Illi, madanakollu ghandu jigi kkunsidrat li, ai fini tal-art. 7 tat-Taqsima 2 tar-Regolamenti similment ghall-kaz hawn fuq citat, l-obbligazzjoni li s-socjeta` attrici qed tipprova tenforza fil-konfront tal-konvenuta tirrigwardja pagament ghal servizzi medici rezi mill-istess socjeta` f'Malta a beneficcju tal-istess konvenuta. Hawn ukoll ma giex miftihem post li fih irid isir il-hlas ghas-servizzi li gew prestati f'Malta mis-socjeta` attrici li hija persuna registrata f'Malta (u fejn allura, fin-nuqqas ta' ghazla, hija applikabbli l-ligi bhala l-ligi li tirregola l-prestazzjoni tas-servizz – dana kif provdut taht l-art 4(1)(b) tar-Regolamenti 593/2008). Fil-fatt, ghalkemm il-konvenuta iffirmat *consent form* ghat-trattament mediku li hija rceviet, tali formola ma tipprovdi bl-ebda mod la ghal-lok tal-pagament u lanqas ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ai fini tal-Art. 25 tar-Regolamenti. Ghalhekk fil-kaz in ezami wkoll ghandu japplika l-art. 1159 (4) tal-**Kodici Civili** li jipprovdi li l-pagament ghandu jsir fejn ikun joqghod bid-dar id-debitur. Ghalhekk ukoll jinghad li t-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi dan il-kaz.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta, jiddikjara li m'ghandux il-gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-kawza odjerna u konsegwentement tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez tal-procedura odjerna jigu sopportati mis-socjeta` attrici.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**